# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Ottubru, 2021.**

**Numru 13**

**Rikors numru 506/08/1 SM**

**Kevin Spiteri**

**v.**

**Carmel Mallia u b'digriet datat 17 ta' Marzu, 2014, il-Qorti awtorizzat lis-soċjeta` GasanMamo Insurance Limited biex tassumi l-atti minflok Carmel Malia li miet fil-mori tal-kawża**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell wara kawża intavolata mill-attur appellanti permezz ta' liema qed jitlob il-likwidazzjoni u ħlas ta' danni allegatament sofferti minnu f'inċident stradali li huwa jsostni li kien unikament tort tal-konvenut Mallia. L-inċident seħħ fl-20 ta' Ġunju 1998 fl-4.30pm fi Triq il-Wied, Birkirkara, waqt illi l-attur kien qiegħed isuq mutur tat-tip Yamaha

250 lejn id-direzzjoni tal-Imsida filwaqt illi l-konvenut kien qiegħed isuq vettura tat-tip Morris Marina lejn id-direzzjoni ta' Birkirkara. Skont l-attur, il-konvenut issorpassa vettura oħra u waqt li kien qiegħed jagħmel dan is-sorpass qabeż il-linja medjana tat-triq u invada l-karreġġjata l-oħra, fejn kien qiegħed isuq l-attur fid-direzzjoni opposta.

2. F'dawn il-proċeduri huwa talab għalhekk lill-Ewwel Qorti sabiex:

> "i) Tiddikjara li l-incident awtomobilistiku li sehh fl-20 ta' Gunju, 1998, fl-4.30 p.m. fi Triq il-Wied, Birkirkara, bejn il-kontendenti, sehh unikament tort ta' l-intimat minhabba imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;
> ii)Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti, okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi;
> iii)Tikkundanna lill-intimat ihallas s-somma hekk likwidata lir-rikorrenti;
> Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti kontra l-intimat."

3. Il-konvenut eċċepixxa, *inter alia,* illi t-talbiet attriċi huma infondati għaliex l-inċident in kwistjoni seħħ unikament tort tat-traskuraġni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku tal-attur u illi d-danni pretiżi mill-attur huma kontestati.

4. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-1 ta' Diċembru 2015 ġie deċiż hekk:

> "26.1. Filwaqt li tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;
> 26.2. Takkolji r-risposti ta' l-intimati;
> 26.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."

5. L-attur appella minn din is-sentenza permezz ta' rikors datat 18 ta' Diċembru 2015, u talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka, tħassar u tannulla

s-sentenza appellata u minflok tilqa' t-talbiet kollha attriċi, tatribwixxi t-tort tal-inċident in kwistjoni unikament lil Carmel Mallia u tillikwida d-danni sofferti minnu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

6. GasanMamo Insurance Limited preżentat ir-risposta tal-appell tagħha fil-25 ta' Jannar 2016 u ssottomettiet li l-appell tal-attur għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.

**Ikkonsidrat;**

7. L-appellant ressaq żewġ aggravji fir-rikors tal-appell tiegħu, li ser jiġu trattati flimkien. L-appellanti jilmenta illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti li rriżultaw fil-mori tal-proċeduri u li l-Ewwel Qorti rrikorriet għall-prinċipji żbaljati fil-ġudikat tagħha.

8. L-appellant jargumenta illi l-fatt li mal-ħabta l-mutur spiċċa fuq l-istess naħa tal-vann 'il quddiem minnu madwar żewġ metri neċessarjament ifisser li qabel l-impatt huwa kien qiegħed isuq il-mutur fil-karreġġjata tiegħu, u li din il-konklużjoni hija fil-fatt il-konklużjoni li waslet għaliha il-Perit Legali. Jgħid illi fil-fatt Maurizio Spiteri xehed illi ċertu Karmenu li identifika ruħu bħala l-persuna li kien qed isuq il-vann qallu li hu kien qabeż il-linja u sab il-mutur ma' wiċċu u li l-mutur ma kien

qed jaqbeż lil ħadd, u żied illi l-konvenut Mallia kien għazel li ma jixhidx fil-mori tal-inkjesta iżda kien xehed biss quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. L-appellant jargumenta illi l-Qorti tal-Appell Kriminali ma tatx piż lid-deposizzjoni ta' Maurizio Spiteri fl-atti tal-inkjesta u qieset bħala inattendibbli x-xhieda tas-sewwieq tal-*minibus* għaliex xehed ħames snin wara li seħħ l-inċident iżda għażlet li temmen lil Mallia minkejja li huwa wkoll xehed wara ħames snin, oltre illi ma tatx piż lir-rapporti redatti mill-esperti li marru fuq il-post ftit wara li seħħ l-iniċident u raw il-vetturi u l-effett tal-impatt. Jargumenta illi x-xhieda li kienet ġiet mogħtija minn Mallia fil-proċeduri kriminali hija inverosimili peress illi ma jistax ikun li x-xarabank li allegatament ħareġ minn warajha hu ma ġietx milquta meta Mallia stess jgħid illi l-mutur ġie bejnu u bejn ix-xarabank. Jargumenta illi l-grad ta' prova fil-kamp kriminali huwa fuq livell ta' konvinċiment morali lil hinn minn kull dubju u kull dubju jmur favur l-imputat filwaqt illi fil-kamp ċivili l-grad ta' prova huwa dak ta' bilanċ ta' probabilitajiet, u jżid illi l-proċeduri kriminali u dawk ċivili huma separati u distinti. L-appellant isostni illi l-esperti kollha maħtura fl-inkjesta maġisterjali dwar l-inċident in kwistjoni kollha attribwew it-tort unikament lil Mallia u l-Maġistrat Inkwirenti kienet iddikjarat li kienet taqbel mal-konklużjoni li kienu waslu għaliha l-esperti, u sussegwentement Mallia kien instab ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għaliex il-Qorti kienet ikkonkludiet li Mallia kien naqas milli jżomm fuq in-

naħa tax-xellug tat-triq u qasam il-linji bojod kontinwi. Jargumenta illi huwa kruċjali l-fatt li l-impatt bejn il-mutur u l-vann sar fuq in-naħa tax-xellug tal-vann, u ċioe` fuq in-naħa tal-passiġġier, meta kieku kien minnu li huwa kien fil-karreġġjata ta' Mallia kieku d-daqqa kienet tkun fuq in-naħa ta' quddiem tal-vann, u jżid li peress illi huwa kien qed isuq mutur, seta' jgħaddi minn bejn ix-xarabank u l-vann u ma kellux għalfejn imur fuq in-naħa l-oħra tat-triq. L-appellant jargumenta illi anke kieku, għall-grazzja tal-argument biss, kellu jiġi aċċettat li l-inċident seħħ fuq il-linja medjana tat-triq, it-tort ma jkunx unikament ta' parti waħda, iżda kull parti għandha tiġi attribwita perċentwali mit-tort.

9. GasanMamo Insurance Limited tirribatti illi l-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax leġġerment l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużoni li dik il-Qorti setgħat raġonevolment u legalment tasal għall-ġudizzju li waslet għalih. Issostni li f'dan il-każ l-Ewwel Qorti wettqet l-inkarigu tagħha bl-aħjar mod possibbli u kkonsidrat il-fatti u l-provi kollha miġjuba quddiemha b'mod studjat u meqjus u li kull konklużjoni hija spjegata fil-fond u b'raġunament ċar. Targumenta illi t-tlett periti li ġew maħtura fl-inkjesta qablu li l-ħabta seħħet fil-karreġjata li tieħu lejn Birkirkara, u ċioe` il-karreġġjata li fiha kien qieghed isuq Mallia u m'hemm l-ebda prova oġġettiva li turi l-fatti b'xi mod ieħor. L-appellata targumenta illi mill-atti ma tirriżulta l-ebda prova oġġettiva dwar xi egħmil traskurat jew negliġenti jew xi sewqan kontra l-liġi da parti ta' Mallia, iżda

jeżistu biss provi fattwali li jindikaw li l-appellant kien qed isuq fil-karreġjata l-ħażina u allura b'mod traskurat u illegali.

10. L-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "15.0. Illi l-fatti li taw lok ghal din il-procedura jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:
>
> 15.1. Illi l-incident in dizamina sehh fl-20 ta' Gunju, 1998, ghall-habta ta' l-4.30 p.m. fi Triq il-Wied, Birkirkara, hdejn l-istabbiliment "Coach and Horses Pub, (ara foll 5 u 23);
>
> 15.2. Illi fil-post fejn sehh l-incident it-triq hi wahdra dritta u wiesgha bizzejjed biex zewg vetturi setghu jghaddu facilment, (ara foll 71, 75, 77 u 101);
>
> 15.3. Illi l-intimat defunt Mallia kien qed isuq fid-direzzjoni lejn Birkirkara, (ara foll 273), mentri r-rikorrenti Spiteri kien qed isuq fid-direzzjoni lejn l-Imsida, (ara foll 23);
>
> 15.4. Illi l-imsemmi intimat Mallia kien qed isuq il-vettura ta' lghamla vann Morris Marina bin-numru JAL – 762, (ara foll 5), u r-rikorrenti kien qed isuq mutur tal-marka Yamaha 250 bin-numru FBG – 504, (ara foll 6);
>
> 15.5. Illi skont l-istess intimat Mallia il-mutur tar-rikorrenti:
>
> ".... kien (qed jinstaq) wara xarabank u qala`, lanqas kelli cans jien, qala` ghal fuqi bl-ezatt u jiena tajjartu daqxejn, m'ghamiltlu hsara ta' xejn u bqajt diehel fil-hajt u tfarrakt", (ara foll 273);
>
> 15.6. Illi skont ir-rikorrenti Spiteri:
>
> Hdejn il-Coach and Horses Pub hemm stage tallinja u kien hemm xarabank wieqaf fuq l-istage pero` fuq in-naha l-ohra tat-triq, ossia mhux filkarreggjata tieghi pero` fil-karreggjata ta' min ikun gej min-naha ta' l-Imsida. Kif wasalt vicin fejn kien wieqaf dan ix-xarabank hareg minn warajh vann. Dan ghamel manuvra biex jaqbez (lil) tal-linja pero` meta ghamel hekk qabez il-linja tan-nofs tat-triq kompletament, ossia bir-roti kollha, b'tali mod illi gie quddiemi u mblukkali ttriq. Dak il-hin stess sar l-inpatt .....", (ara foll 23);
>
> Ikkunsidrat:

16.0. Illi skont l-espert awtomobilistiku nominat in atti tal-process verbal redatt mill-Magistrat Inkwirenti jirrizulta sintetikament is-segwenti: (ara foll 105) 16.1. Illi l-impatt fuq il-vann in dizamina kien fuq quddiem, innaha tax-xellug;

16.2. Illi l-marki rilaxxati mill-impatt tal-vetturi kkoncernati kienu jinstabu minn nofs it-triq u jasslu sal-vicinanzi tal-mutur in dizamina;

16.3. Illi fil-mument ta' l-impatt ta' l-istess vetturi l-vann kien fin-naha l-hazina tat-triq;

16.4. Illi skont Maurizio Spiteri, hu r-rikorrenti, jirrizulta li meta dan mar ikellem lill-intimat Mallia dan jallega li Mallia qallu: "... li kien hareg minn wara xarabank biex jaqbez xarabank u sab lil hija bil-mutur ma' wiccu", (ara foll 131);

16.5. Illi ghalhekk kien jirrizulta kwadru ta' sewqan perikoluz li wassal ghall-konsegwenzi riskontrati; 16.6. Illi fil-fehma ta' l-istess kien hemm bizzejjed provi biex l-intimat Mallia jiffaccja akkuzi ta' natura kriminali fir-rigward;

Ikkunsidrat:

17.0. Illi pero` fl-analizi finali taghha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali kkonkludiet b'mod differenti kif ser jigi sintetikament elenkat f'dan l-istadju:

17.1. Illi z-zewg vetturi in dizamina kienu qed jinstaqu lejn nofs it-triq, (ara foll 257); 17.2. Illi z-zewg sewwieqa involuti allegaw li kien is-sewwieq liehor li ppenetra l-karreggjata opposta ghaliex kien qed jissorpassa xarabank, (ara foll 257);

17.3. Illi skont il-pjanta in atti l-impatt sehh "... bi dritt "gap" li tissepara Valley Road – il-karreggjata principali – misservice road li hemm man-naha opposta tat-triq ta' fejn spiccaw il-vetturi; (ara foll 75, 77 u 258);

17.4. Illi salv ghal tracca wahda, t-tracci kollha misjuba fl-art wara l-impatt kienu kollha fuq in-naha tat-triq ta' l-intimat, (ara foll 259);

17.5. Illi l-fatt li l-vann intlaqat fuq ix-xellug tieghu mhux univoku bhala prova indizjarja, (ara foll 259);

17.6. Illi l-provi aktar jikkonfortaw it-tezi ta' l-intimat; Ikkunsidrat:

18. Illi in vista tal-premess ghandu jkun pacifiku li l-versjonijiet ta' lincident kif forniti mill-protoganisti involuti huma konfliggenti;

19.0. Illi in sintesi:

19.1. Ir-rikorrenti jsostni li kien l-intimat li waqt li kien qed jissorpassa xarabank li nzerta fuq il-post li kkaguna lincident; mentri

19.2. L-intimat isostni li kien hemm vettura qed tinstaq quddiem ir-rikorrenti u li kien dan l-istess rikorrenti li effettwa s-sorpass li bih invada l-karreggjata opposta;

Ikkunsidrat:

20.0. Illi jigi kkonstatat ukoll is-segwenti:

20.1. Illi kif gia` ritenut essenzjali mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur S. Micallef) vs. Carmel Mallia datata l-14 t'Ottubru, 2004, (ara 259), it-tifrik rizultanti mill-impatt, bl-eccezzjoni ta' htiega wahda, kollha kienu fuq il-karreggjata ta' l-intimat;

20.2. Illi skont l-access mizmum mill-espert tekniku nominat mill-Magistrat Inkwirenti, dan josserva li l-incident de quo sehh fil-karreggjata tax-xellug fejn l-intimat kien qieghed isuq fid-direzzjoni lejn Birkirkara, (ara foll 84);

Ikkunsidrat:

21. Illi in vista tal-premess l-esperti teknici nominati mill-Magistrat Inkwirenti kollha kkonkludew li l-incident in dizamina sehh fil-karreggjata li tiehu fid-direzzjoni mill-Imsida lejn Birkirkara, senjatament dik legittimament okkupata mill-intimat Mallia;

22. Illi kienet biss l-espert legali awtomobilistiku li kkonkludiet diversament;

Ikkunsidrat:

23. Illi tenut kont ta' l-oggettivita` fattwali riskontrata fl-analizi tal-perit arkitett u tal-perit mekkaniku hekk nominati, din il-qorti ma thossx li ghandha alternattiva logika ohra hlief li tiddikjara li ghar-ragunijiiet minnhom esposti li tikkondividi l-konkluzjoni taghhom li effettivament l-incident de quo sehh fil-karreggjata li taghti mill-Imsida ghal Birkirkara fejn kien qed isuq l-intimat Mallia;

24. Illi ghalhekk tiddikjara li effettivament kien l-il-istess rikorrenti li invada l-karreggjata ta' l-intimat u kien il-kawza prossima u diretta ta' l-incident in dizamina u mhux vice versa;

Ikkunsidrat:

> 25. Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li effettivament ir-risponsabbilita` ghall-incident in dizamina hi kompletament fuq ir-rikorrenti;
>
> 26.0.Illi ghaldaqstant din il-qorti ma tqisx li r-rikorrenti pprova t-talbiet tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:"

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

11. Il-Qorti tibda billi tirrileva illi m'huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti, u lanqas ma huwa permess lilha, illi taqdi l-funzjoni ta' Qorti ta' reviżjoni fir-rigward tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali bħalma donnu jippretendi l-appellant. Il-kritika tal-appellant fil-konfront tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali m'għandha l-ebda relevanza għall-appell odjern. Dan l-appell huwa ntiż biss sabiex jeżamina l-korrettezza o meno tas-sentenza appellata mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u huwa ċert illi din il-Qorti m'għandhiex tinoltra ruħha f'reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, li hija *res judicata* u mhux soġġetta għal reviżjoni.

12. B'referenza għall-argumenti magħmula mill-appellant fir-rigward tax-xhieda ta' Maurizio Spiteri, ħu l-appellant, il-Qorti tirrileva illi mill-provi jirriżulta illi dan ix-xhud ma kienx xhud okulari, iżda kien wasal fuq il-post wara li kien diġa` seħħ l-inċident in kwistjoni. Għalhekk il-fatti li xehed dwarhom ma kinux fatti li hu kien jaf personalment. Huwa xehed biss fuq dak li allegatament qallu Mallia, li fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti tal-

Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali innega li qal lil Spiteri li huwa kien invada l-karreġġjata tal-appellant. Huwa minnu illi fis-sistema legali Maltija ma teżistix regola riġida dwar l-ammissibilita` ta' xhieda *detto del detto* għaliex skont l-Artikolu 599 tal-Liġijiet ta' Malta huwa fil-poter diskrezzjonali tal-ġudikant illi jammetti tali xhieda fiċ-ċirkostanzi previsti mill-istess artikolu. L-ammissjoni ta' xhieda *detto del detto* pero` ma tfissirx awtomatikament illi fl-evalwazzjoni tal-provi l-Qorti ser tqis illi dik ix-xhieda hija neċessarjament attendibbli jew kredibbli. Fil-każ in kwistjoni, kif sewwa tosserva s-soċjeta` appellanti, il-Qorti għazlet li tistrieħ fuq il-provi oġġettivi li kien hemm a disposizzjoni tagħha, minflok tistrieħ fuq ir-rendikonti soġġettivi tal-partijiet fil-kawża u l-qraba tagħhom.

13. Il-Qorti rat illi l-Perit Richard Aquilina, wieħed mill-esperti li kien ġie nominat mill-Maġistrat Inkwirenti, xehed f'dawn il-proċeduri u kkonferma illi l-inċident ġara kollu fil-karreġġjata li tagħti lejn Birkirkara (*fol.* 299), u ċioe` il-karreġġjata li fiha kien qiegħed isuq Mallia. Jirriżulta illi l-Perit Aquilina wasal għal din il-konklużjoni peress illi mill-pjanta magħmula minnu u r-ritratti li ttieħdu fuq il-post jidher illi d-*debris* kollu tal-inċident, ħlief għall-oġġett wieħed, kienu kollha fuq il-karreġġjata li fiha kien qiegħed isuq Mallia. Anke il-Perit Tekniku Joseph Zammit, espert ieħor maħtur waqt l-inkjesta, irrelata illi l-inċident seħħ fil-karreġġjata tax-xellug u ċioe` dik li sejra lejn id-direzzjoni ta' Birkirkara (*fol.* 84). Għalhekk dan huwa indizju ċar u oġġettiv illi l-inċident in kwistjoni seħħ għaliex kien l-

appellant li invada l-karreġġjata ta' Mallia u mhux viċe versa kif qed jallega l-appellant. Dan apparti illi huwa ċar li huwa għal kollox infondat l-argument tal-appellant li l-esperti kollha maħtura waqt l-Inkjesta Maġisterjali kkonkludew li l-inċident seħħ tort ta' Mallia.

14. Il-Qorti tqis illi huwa nfondat l-argument tal-appellant illi l-punt tal-impatt fuq il-vettura ta' Mallia huwa prova li l-impatt seħħ għaliex Mallia invada l-karreġġjata tal-appellant. M'huwiex minnu illi l-punt tal-impatt jeskludi l-ipoteżi li l-inċident seħħ fil-karreġġjata ta' Mallia peress illi mill-provi jirriżulta illi l-punt ta' impatt fuq il-vettura ta' Mallia li huwa kompletament fuq in-naħa tax-xellug ta` quddiem tal-vettura huwa indizju li l-appellant invada kompletament il-karreġġjata ta' Mallia meta seħħ l-inċident. Barra minn hekk, il-Qorti tqis ukoll illi l-posizzjoni illi nstab fiha l-vann, ċioe` mal-hajt fuq in-naħa tiegħu tat-triq tikkorrobora l-verżjoni mogħtija minnu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali meta xehed illi meta ra lill-appellant jinvadi l-karreġġjata tiegħu huwa fuq istint dawwar l-i*steering wheel* u spiċċa ħabat mal-ħajt (*fol.* 280).

15. Huwa minnu dak li jargumenta l-appellant illi l-grad ta' prova fi proċeduri ċivili huwa ferm differenti minn dak fil-kamp kriminali. Pero`, wara li rat il-provi kollha mressqa mill-partijiet, il-Qorti hija tal-fehma illi l-appellant ma rnexxielux jipprova fuq grad ta' bilanċ ta' probabilitajiet illi l-

inċident in kwistjoni seħħ tort ta' Mallia. Mill-provi jirriżulta aktar plawsibbli illi l-inċident seħħ għaliex l-appellant stess invada l-karreġġjata tal-appellat.

16. Għaldaqstant l-appell tal-appellant qiegħed jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-attur appellant, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr